# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 22 ta' Ġunju, 2022.**

**Numru 4**

**Rikors numru 689/20/1 GM**

**Kenneth Agius għan-nom ta' Agius Printing Press Limited (C-883)**

**v.**

**Water Services Corporation**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat ta' Kenneth Agius għan-nom ta' Agius Printing Press Limited, ippreżentat fis-7 ta'Awwissu, 2020, li permezz tiegħu ngħad:

> "Illi fis-17 ta' Gunju tas-sena 2019 sehh incident fejn T pipe tal-ilma tas-sistema tal-konvenuti kien qed jghamel l-ilma; dan l-ilma beda jasal fil-propjeta' tar-rikorrenti – 101/103, St. Francis Str., Floriana;
>
> Illi kawza ta' dan l-incident l-attur sofra hsarat ingenti;

Illi minhabba il-hsarat li l-ilma kkaguna, l-atturi kellhom jixtru apparat gdid. Dan gia gie imhallas mid-ditta assikuratrici taghhom. Minhabba li kellu jinxtara dan l-apparat gdid, Kodak Server li jiswa sebat elef u hames mija u tlieta u disghin Euro (€7,593) ma baqax utli u ma setax jiffunzjona ma' l-apparat iktar modern.

Illi l-atturi ukoll issa ma jistghux ikomplu juzaw zewg softwares peress li huma necessarji biex iwettqu ix-xoghol taghhom; dawn ukoll ma jiffunzjonax ma' l-apparat iktar modern u allura issa jinhtieg li jinbidlu dawn is-softwares. Il-bdil ta' dawn is-softwares gie ikkwotat li jiswa hmistax-il elf u sittin Euro (€15,060) liema, ammont ghalhekk jizdied mal-hsara li sofrew l-atturi;

Illi inkluz fl-ammont totali ta' ħsara lil il-konvenuti qed jigu mitluba ihallsu ghalhekk hemm tnejn u ghoxrin elf u sitt mija u tlieta u hamsin Euro (€22,653.00)- dan kollu jikkonsisti f'damnum emergens (statements ta' tali ammonti hawn annessi bhala **Dok A**). Id-danni mitluba f'din il-kawza ma kienux inkluzi u koperti bil-polza tal-assikurazzjoni li kellhom l-atturi;

Illi barra d-damnum emergens indikat hawn fuq, l-atturi sofrew hsara fil-forma ta' lucrum cessans- dan minhabba il-fatt li minn dakinhar l-hawn l-atturi ghamlu telf ghaliex ma setghux jahdmu minghajr it-teknologija indikata hawn fuq jew kellhom ihallsu ghaliha; dan il-lucrum cessans kif ukoll id-damnum emergens ser jigu kwantifikati fit-trattazzjoni tal-kawza;

Illi wara li l-konvenut ma resqux ghall-likwidazzjoni ta' danni, l-atturi baghtu ittra ufficjali 166A datata 13 ta' Novembru tas-sena 2019 fejn ghal skopijiet ta' kompetenza illimitaw it-talba; baghtu ukoll ittra ohra datata 16 ta' Gunju tas-sena 2020 (it-tnejn hawn annessi u mmarkati bhala **Dok B** u **Dok C** rispettivament);

Illi l-konvenuti rrispondew lura b'oggezzjoni, ghall-ittra ufficjali 166A u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li il-konvenuti huma responsabbli ghall-hsara kkagunata fl-imsemmi fl-apparat imsemmi fir-rikors guramentat u li huma responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi indikati fil-premessi u cioe kemm dawk gejjin mid-damnum emergens kif ukoll dawk gejjin mill-lucrum cessans;

2. Tillikwida l-imsemmija danni sofferti mill-atturi u naxxenti mill-fatti riportati fir-rikors guramentat, liema danni ghandhom jinkludu dawk gejjin mid-damnum emergens kif ukoll dawk gejjin minn lucrum

cessans; liema danni ma jkunux gia thallsu mid-ditta assikuratrici. U dan okkorrendo bl-opera ta' periti u esperti nominandi

3. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-istess rikorrenti is-somma kif tigi likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti u rapprezentati danni hekk kawzati minnhom.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali tat-13 ta' Novembru tas-sena 2019 kif ukoll tas-16 ta' Gunju tas-sena 2020."

2. Rat ir-risposta ġuramentata tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ppreżentata fl-14 ta' Settembru, 2020, li permezz tagħha eċċepiet:

"1. Illi preliminarjament Kenneth Agius għandu jagħti prova li għandu l-kapaċita' u l-interess legali li jirrappreżenta lis-soċjeta' attriċi;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost is-soċjeta' attriċi trid tagħti prova tal-allegat incident u fuq kollox tagħti wkoll prova dwar in-ness bejn l-istess imsemmi inċident u l-allegati danni;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost il-Korporazzjoni esponenti m'hjiex responsabbli għall-allegati ħsarat u dan ai termini tad-disposizzjonijiet misjuba f'artikolu 21 tal-kapitolu tal-liġi li jwaqqaf l-istess Korporazzjoni, *ossia* Kap. 355 tal-Liġijiet ta' Malta, 'Att dwar il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma';

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-allegati ħsarat in kwistjoni ma seħħewx minħabba xi nuqqas jew negliġenza tal-Korporazzjoni esponenti iżda tort tas-soċjeta' attriċi stess minħabba negliġenza u traskuraġni da parti tagħha u dan kif ser jiġi ppruvat fil-mori ta' din il-kawża;

5. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, is-soċjeta' attriċi naqset milli tobdi struzzjonijiet ċari da parti tal-Korporazzjoni esponenti u dan kif ser jiġi pruvat tul il-mori ta' din il-kawża;

6. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, is-soċjeta' attriċi m'għamlet xejn biex jiġi evitat l-allegat inċident u sabiex timminimizza d-danni kif kellha l-obbligu li tagħmel;

7. Illi fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jinkombi fuq is-soċjeta' attriċi prova tad-allegati danni sofferti u prova li l-istess danni ġew sofferti mill-istess soċjeta' attriċi, liema danni qed jiġu kkontestati;

8. Illi fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jinkombi fuq is-soċjeta' attriċi li tagħmel prova tal-quantum allegat

f'forma ta'; *damnum emergens* u tipprova n-ness tal-istess bejn l-inċident imsemmi u mertu tal-kawża;

9. Illi fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jinkombi fuq is-soċjeta' attriċi li tagħmel prova tat-telf fil-qliegħ allegat minnha f'forma ta' *lucrum cessans* u tipprova n-ness tal-istess bejn l-inċident imsemmi u l-mertu tal-kawża;

10. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-ebda ammont m'huwa dovut mill-Korporazzjoni esponenti rigward allegati danni sofferti;
Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż."

3. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-25 ta' Novembru, 2021, li permezz tagħha l-kawża ġiet deċiża fis-sens illi ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, laqgħet it-talbiet attriċi billi ddikjarat li l-konvenuta hija responsabbli għall-ħsara kkaġunata fl-apparat imsemmi fir-rikors ġuramentat u li hija responsabbli għad-danni mġarrba mill-attriċi; illikwidat id-danni mġarrba mill-attriċi fis-somma ta' €31,563 u kkundannat lill-konvenuta sabiex tħallas lill-attriċi s-somma hekk likwidata, bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv. Bl-ispejjeż kollha, inkluż dawk tal-ittri uffiċjali tat-13 ta' Novembru, 2019, kif ukoll tas-16 ta' Ġunju, 2020.

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Jirriżulta mill-kopja tal-istatut tas-soċjeta' attiċi esebita li Kenneth Agius għandu r-rappreżentanza ġudizzjarja tagħha u għalhekk l-ewwel eċċezzjoni hija mingħajr bażi.

L-attriċi tiġġestixxi negozju ta' *printing press* minn fond sottostanti blokk t'appartamenti li għalihom u għall-partijiet komuni tagħhom m'għandhiex access. Fil-partijiet komuni tal-blokka kien hemm T

pipes proprjeta` tal-konvenuta li jservu l-ilma għall-meters tal-appartamenti. Jirriżulta li fl-4 ta' Novembru 2021 kawża ta' ħsara fit-T pipes ħareġ l-ilma, niżel fil-fond tal-attriċi u kkawżalha ħsarat fil-hardware u software li permezz tiegħu kienet tiġġestixxi n-negozju tagħha.

Mhemmx dubju li hemm ness bejn l-iskular tal-ilma u l-ħsara u għalhekk it-tieni eċċezjoni hija wkoll infondata.

L-Artiklu 21 (1) tal-Kap 355 jesimi lill-konvenuta minn responsabilita` (i) minn konnessjoni ta' fittings tal-ilma mhux awtorizzat- li mhux il-każ; (ii) minn difetti fl-istallazzjoni mhux provduti minnha - li mhux il-każ; u (iii) minn incident li ma setax jigi evitat minn deterjorazzjoni raġonevoli – eventwalita` li l-piż tal-prova jinkombi fuq il-konvenuta li ma ġiebet l-ebda prova fir-rigward. Skont Artiklu 21 (2) l-konvenuta mhix responsabbli meta mhix negliġenti. F'dan il-każ ċertament kien hemm negliġenza għaliex fl-ewwel lok it-T pipes diġa` kellhom *leak* f'okkażjoni preċedenti u fit-tieni lok ma kinux installati barra mill-bini biex jekk tiġrilhom il-ħsara l-ilma jmur fit-triq kif trid is-sengħa u l-arti u, fuq kollox, is-sens komun. Mhix skuża li sidien l-appartamenti ma kkoperawx biex it-T pipes jinħarġu 'l barra. Fl-ewwel lok, it-T pipes poġġiethom ġewwa l-konvenuta. Fit-tieni lok, is-soċjeta' attriċi hija totalment estranja għal din il-viċenda. Dan apparti li ma nġiebet l-ebda prova dokumentarja dwar in-nuqqas ta' koperazzjoni tas-sid jew sidien tal-appartamenti. Il-Qorti tqis ukoll iċ-ċirkostanza li wara l-inċident il-konvenuta qabdet u ħarġet it-T pipes 'il barra hi stess a spejjeż tagħha. It-tielet eċċezzjoni għalhekk ma tistax tirċievi favur.

Ebda prova ma nġiebet li l-attriċi kienet b'xi mod negliġenti u kkontribwiet għall-inċident. Għalhekk ir-raba' eċċezzjoni hija waħda fiergħa għall-aħħar. Hekk ukoll il-konvenuta ma ġiebet l-ebda prova tal-allegazzjoni tagħha li l-attriċi naqset li ssegwi struzzjonijiet mill-konvenuta u li m'għamlet xejn biex tevita l-inċident. Il-ħames u s-sitt eċċezzjonijiet għalhekk huma wkoll fiergħa. Il-bqija tal-eċċezzjonijiet jirrigwardaw il-prova tal-eżistenza u l-entita` tad-danni. Dawn jirriżultaw suffiċjentement ippruvati, kif ġej:

Bħala *damnum emergens*, jirriżulta li kien hemm Kodak Server jiswa €7,593 li ma baqax utli billi ma setax jiffunzjona mal-apparat iktar modern li kellu jinxtara. L-attriċi jinħtiġilha tbiddel software bi spiża ta' €15,060 li ma xtratx għaliex skontha m'għandhiex il-fondi meħtieġa. It-total ta' din ir-ras ta' danni għalhekk huwa ta' €22,653. Hemm danni oħrajn li ġew koperti bl-assikurazzjoni.

L-attriċi sofriet ukoll telf ta' qligħ billi kawża li ma setgħetx tixtri *software* ġdid tilfet sagħtejn kuljum biex isir l-istess xogħol bejn is-17 ta' Ġunju 2019 sad-data tal-ftuħ tal-kawża jammonta għal €8,910. Bħala telf ta' qligħ l-attriċi hija intitolata għalih anke wara d-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni iżda ma jidhirx li qiegħdha tinsisti għal dan, tant li ma kkwantifikatux.

Illi għalhekk il-Qorti qiegħdha tillikwida t-total ta’ danni fl-ammont ta’ €31,563.

5. Rat ir-rikors tal-appell tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti sabiex filwaqt li tilqa’ l-appell interpost, tirrevoka u tħassar is-sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili ta’ nhar il-25 ta’ Novembru, 2021, fl-ismijiet premessi, tiċħad it-talbiet tas-soċjeta` attriċi u tilqa’ l-eċċezzjonijiet tal-Korporazzjoni konvenuta. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjeta` appellata.

6. Rat ir-risposta tal-appell ta’ Kenneth Agius *nomine* li permezz tagħha talab li l-appell tal-Korporazzjoni appellanti għandu jiġi miċħud għaliex huwa wieħed frivolu u vessatorju u għalhekk din il-Qorti għandha tordna lill-appellanti tħallsu l-ispejjeż doppji, filwaqt li l-interessi għandhom jgħaddu mid-data tal-ewwel sentenza. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti.

7. Rat li bis-saħħa tal-emendi li daħlu reċentement permezz tal-Att XXXII tas-sena 2021, il-Qorti ngħatat is-setgħa sabiex tgħaddi għas-sentenza u dan a tenur tal-Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta’Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta) u wara li rat l-proċeduri bil-miktub, ma tqisx meħtieġ li jingħata smigħ u għalhekk ser tgħaddi minnufih għas-sentenza;

8. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

9. Illi din il-kawża hija essenzjalment waħda ta' danni fejn l-attur *nomine* qiegħed jitlob li l-Korporazzjoni konvenuta tiġi kkundannata tħallas is-somma ta' €22,653.00 bħala *damnum emergens* rappreżentanti l-prezz ta' *server*, *software* u nstallazzjoni ta' *software,* wara perkolazzjoni ta' ilma fil-fond minn fejn is-soċjeta` attriċi topera stamperija f'numru 101/103, Triq San Franġisk, Floriana, fejn ġarrab ħsara l-apparat tal-istess soċjeta` attriċi (liema apparat ġie rimpjazzat wara li sar il-ħlas tiegħu da parti tas-soċjeta` assiguratriċi tagħha), kif ukoll sabiex tiġi kkumpensata għat-telf li ġarrbet bħala *lucrum cessans* fl-operat tagħha. Dan il-fond proprjeta` tas-soċjeta` attriċi jinsab sottopost għal blokka appartamenti minn fejn kien hemm *T-pipe* tal-ilma fis-sistema tal-Korporazzjoni konvenuta li għamel l-ilma u b'hekk seħħet l-imsemmija ħsara. Kwindi s-soċjeta` attriċi titlob li l-Korporazzjoni konvenuta tiġi dikjarata responsabbli għad-danni sofferti minnha; li jiġu likwidati d-danni u li tiġi kkundannata tħallas l-imsemmija danni. Bl-ispejjeż u bl-interessi legali.

10. Il-Korporazzjoni konvenuta ressqet diversi eċċezzjonijiet, fosthom (a) li Kenneth Agius għandu jagħti prova li għandu l-kapaċita` u l-interess

legali li jirrappreżenta s-soċjeta` attriċi; (b) li s-soċjeta` attriċi trid tagħti prova tal-allegat inċident, kif ukoll tan-ness bejn l-istess inċident u l-allegati danni; (c) l-Korporazzjoni mhix responsabbli għall-allegati ħsarat u dan skont l-Artikolu 21 tal-Kap. 355 tal-Liġijiet ta' Malta; (d) l-allegati ħsarat ma seħħewx minħabba xi nuqqas jew negliġenza tal-Korporazzjoni iżda tort is-soċjeta` attriċi stess; (e) is-soċjeta` attriċi naqset milli tobdi struzzjonijiet ċari tal-Korporazzjoni; (f) is-soċjeta` attriċi m'għamlet xejn sabiex jiġi evitat l-allegat inċident u sabiex timminimizza d-danni kif kellha obbligu li tagħmel; (g) jinkombi fuq is-soċjeta` attriċi li tagħmel prova tal-allegati danni mġarrba; (h) jinkombi fuq is-soċjeta` attriċi li tagħmel prova tal-*quantum* allegat fil-forma ta' *damnum emergens* u tipprova n-ness tal-istess bejn l-inċident u mertu tal-kawża; (i) jinkombi fuq is-soċjeta` attriċi li tagħmel prova tat-telf ta' qligħ allegat fil-forma ta' *lucrum cessans* u tipprova n-ness tal-istess bejn l-inċident u mertu tal-kawża; u (j) l-ebda ammont mhuwa dovut mill-Korporazzjoni rigward l-allegati danni.

11. L-ewwel Qorti filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-Korporazzjoni konvenuta, laqgħet it-talbiet kollha tas-soċjeta` attriċi u kkundannat lill-Korporazzjoni konvenuta tħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' €31,563.

12. Il-Korporozzjoni konvenuta ħassitha aggravata bl-imsemmija sentenza u għalhekk interponiet appell minnha. L-appell tal-Korporazzjoni jissejjes fuq erba' aggravji:

(i) li s-sentenza hija bbażata fuq żball li joħroġ mill-atti meta (a) waslet għall-konklużjoni li s-*software* in kwistjoni sarlu xi forma ta' ħsarat, meta dan mhux minnu, iżda l-każ huwa li s-*software* antik li kellha s-soċjeta` attriċi u li hija ma ndenjatx ruħha ġġedded ma baqax kompatibbli mal-*hardware* l-ġdid u (b) dan apparti li ssostni li l-ewwel Qorti żbaljat ukoll meta waslet għall-konklużjoni li s-soċjeta` appellata ma kinitx negliġenti;

(ii) id-danni ma ġewx ippruvati, in kwantu l-komputazzjoni tad-danni fil-forma ta' *lucrum cessans* hija nieqsa minn kwalunkwe forma ta' prova;

(iii) id-danni mogħtija huma iżjed minn dak mitlub, peress li filwaqt li l-ewwel Qorti tat kumpens li jkopri l-perjodu mis-17 ta' Ġunju, 2019, sad-data tal-ftuħ tal-kawża, is-soċjeta` attriċi kienet ikkumpensata mis-soċjeta` assiguratriċi għall-perjodu bejn is-17 ta' Ġunju, 2019, u d-9 ta' Awwissu, 2019, kwindi l-ewwel Qorti tat kumpens doppju, li huwa aktar minn dak mitlub fit-tieni talba attriċi;

(iv) id-deċiżjoni mhix motivata, peress li numru ta’ eċċezzjonijiet tagħha ġew miċħuda mingħajr ma ngħatat motivazzjoni xierqa.

13. Is-soċjeta` appellata fir-risposta tagħha filwaqt li tikkontesta kull aggravju mqanqal fid-dettal, tippremetti li sa fejn l-appell jattakka deċiżjonijiet ta’ fatt, din il-Qorti m’għandhiex tiddisturba sejbiet ta’ punti ta’ fatt tal-ewwel Qorti, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet impellenti sabiex tagħmel dan, kif ukoll peress li tqis l-appell in eżami bħala wieħed fieragħ, titlob li tingħata spejjeż doppji.

14. Għandu jingħad mal-ewwel li kif ingħad minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tal-14 ta’ Diċembru, 2018, fil-kawża fl-ismijiet **Dr. Antoinette Cutajar v. l-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim’Ministru et**:

> “*Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta’ xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta’ reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta’ interpretazzjoni ta’ fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta’ fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f’sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta’ appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti.*”

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, jeħtieġ li din il-Qorti tifli mill-ġdid il-provi in atti, fil-qafas tal-kriterji legali applikabbli, filwaqt li tqis l-aggravji tal-Korporazzjoni appellanti.

15. Din il-Qorti ma taqbilx fir-rigward tal-ewwel aggravju tal-Korporazzjoni appellanti meta jingħad minnha li l-ewwel Qorti bbażat is-sentenza tagħha fuq żball ta' fatt. Minn eżami tas-sentenza appellata jirriżulta li wara li l-ewwel Qorti tat sfond ta' dak li ġara, eżaminat ir-responsabbilta` tal-Korporazzjoni fid-dawl tal-eċċezzjonijiet li ngħataw minnha. Jeħtieġ li l-ewwel din il-Qorti tqis mill-ġdid il-kwistjoni ta' responsabbilta` għall-inċident in eżami, ġaladarba t-tieni parti tal-ewwel aggravju tal-Korporazzjoni appellanti tiċċentra fuq l-ilment li kienet in-negliġenza da parti tal-istess soċjeta` appellata li wasslet għall-inċident in kwistjoni u li l-ewwel Qorti żbaljat meta kkonkludiet fis-sentenza tagħha li kienet in-negliġenza tal-Korporazzjoni li wasslet għall-akkadut.

16. Mhuwiex kontestat li, d-dħul tal-ilma fil-proprjeta` tas-soċjeta` attriċi sottostanti l-blokka ta' appartamenti proprjeta` ta' terzi seħħ minn pajp li jagħti għall-*meter* tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Anzi mir-rapport redatt mill-uffiċjal tal-istess Korporazzjoni jirriżulta li: " *...there was an internal leak (water running in) in the premises in question (Agius Printing Press). On call team were dispatched... and they duly repaired the leak. This was from a fitting on the meter manifold of the apartments above the printing press.* ***The leak was upstream of (before) the meters****."* (ara Dok. SGJ a fol. 139 tal-proċess). Madankollu, l-Korporazzjoni konvenuta tiċħad li hija responsabbli għad-dħul tal-ilma fil-

fond in diżamina u għad-danni konsegwenzjali li ġew sofferti u f'dan is-sens tinvoka l-Artikolu 21 tal-Kap. 355 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma) li jipprovdi:

> *"(1) Il-Korporazzjoni ma tkunx responsabbli għal xi ħsara magħmula lil persuna jew proprjetà konnessa mal-istallazzjoni tal-provvista tal-ilma li tkun ikkaġunata minn xi inċident li ma setax jiġi evitat, minn deterjorazzjoni raġonevoli jew minn konnessjoni ta' fittings tal-ilma mhux awtorizzat jew minn xi difetti fl-istallazzjoni mhux provduti mill-Korporazzjoni.*
>
> *(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 18(2) il-Korporazzjoni mhux responsabbli, fejn ma jkunx hemm negliġenza u skont il-provvedimenti ta' dan l-Att, għal xi inkonvenjent jew ħsara attribwibbli għall-qadi ta' xi dmir impost b'dan l-Att.*
>
> *(3) Il-Korporazzjoni mhix responsabbli partikolarment għal xi inkonvenjent jew ħsara kaġunata minn għarar li ġej minn azzjoni ta' tempesti naturali li jinqalgħu, ilma ta' taħt l-art jew tqallib tal-baħar."*

17. Kif ingħad fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-30 ta' Lulju, 2015, fil-kawża fl-ismijiet **Jesmond Lomax et v. Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma,** l-oneru tal-prova kien fuq il-konvenuta biex tikkonvinċi lill-Qorti li tapplika xi waħda miċ-ċirkostanzi li jissemmew fl-Artikolu tal-liġi appena ċitat. Kif osservat l-ewwel Qorti, fil-każ in eżami ma jirriżultax li seħħet xi waħda miċ-ċirkostanzi maħsuba fis-sub-inċiż (1) jew (3). Min-naħa l-oħra, fil-fehma ta' din il-Qorti saret il-prova tan-negliġenza da parti tal-Korporazzjoni appellanti. Dan jingħad peress li kif jinsab evidenzjat mir-ritratt esebit mill-attur *nomine,* ix-xogħol kif kien imwettaq mill-istess Korporazzjoni meta oriġinarjament daħħlet il-*meters* fil-blokka sovrastanti (ara Dok. 5 a fol. 49) huwa prova ċara ta' kif ix-xogħol ma sarx bil-galbu, hekk kif tħallew geġwiġija ta' pajpijiet li jikkuntrastaw ferm max-xogħol kif

imwettaq wara l-inċident (ara Dok. 6 a fol. 50). Inoltre, il-fatt li kien hemm inċident simili ta' ħruġ ta' ilma preċedenti għal dak in eżami u l-fatt li l-istess Korporazzjoni kienet tagħraf li x-xogħol ma kienx wieħed kif titlob is-sengħa u l-arti, tant li avviċinat lir-residenti tal-blokka sabiex il-*meters* jitressqu 'l barra minn fejn kienu, u fi kliem l-Inġinier Stephen Galea St. John "***il-loġika għalfejn huwa ideali li l-meter ikun kemm jista' jkun 'il barra huwa peress li tikkawża anqas ħsara f'każ t'inċident"***, tabilħaqq isarraf f'negliġenza da parti tal-Korporazzjoni konvenuta ladarba ma wettqitx ix-xogħlijiet rimedjali fil-waqt.

18. Dan meta jibqa' prinċipju assodat li kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu, kif jirriżulta mill-Artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili. L-Artikolu 1032(1) tal-Kap. 16, jipprovdi wkoll li: "*Jitqies fi ħtija kull min bl-egħmil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja"*. L-aġir tal-Korporazzjoni qajla jista' jixxiebaħ ma' dak ta' missier tajjeb ta' familja, speċjalment meta tqis li (i) l-installazzjoni oriġinali tal-arloġġi tal-ilma twettaq minnha u ma tirriżultax li ngħatat spjegazzjoni għala l-arloġġi tal-ilma twaħħlu tant 'il ġewwa fil-binja meta l-loġika kienet tiddetta li jitqiegħdu ħdejn il-bieb ta' barra; (ii) meta seħħ inċident preċedenti hija għarfet il-perikolu marbut mal-fatt li x-xogħol ma kienx wieħed li sar kif suppost u ma ħadet l-ebda passi kostruttivi, mentri l-għaqal kien jitlob li, ġaladarba kienet taf li x-xogħol ma kienx sar sew, li twettaq ix-xogħol meħtieġ, fejn l-arloġġi tal-ilma jitneħħew min-naħa ta'

ġewwa tal-blokka sovrastanti u jitressqu 'l barra viċin il-bieb u wara tfittex lir-residenti għall-ħlas, jekk ikun il-każ; (iii) il-ħsara seħħet fil-pajp qabel l-arloġġ, jiġifieri f'dak li jitqies proprjeta` tal-istess Korporazzjoni; (iv) fejn qabel hija kienet qiegħda tinsisti li dan ix-xogħol kellu jitwettaq mis-sidien tal-appartamenti sovrastanti, wara l-inċident qabdet u wettqet ir-rilokazzjoni tal-arloġġi tal-ilma, kif kienet titlob l-arti u s-sengħa, apparti li ma tirriżultax xi prova li n-nuqqas ta' koperazzjoni tar-residenti kienet issarraf fi xkiel effettiv li l-Korporazzjoni twettaq ix-xogħlijiet meħtieġa u (v) li dan l-inċident seta' jiġi evitat li kieku l-Korporazzjoni wettqet dmirha fil-waqt. Il-Korporazzjoni mhix tenuta tirrispondi għal kwalunkwe każ fejn ikun hemm perkolazzjoni tal-ilma mill-pajpijiet tagħha, iżda fejn l-aġir tagħha jkun determinanti b'tali mod li jekwipara ma' negliġenza, kif jirriżulta fil-każ in eżami, altru li trid tagħmel tajjeb għad-danni konsegwenzjali. Isegwi li jeżisti n-ness ta' kawżalita` bejn in-negliġenza fl-aġir tal-Korporazzjoni u d-danni li ġarrbet is-soċjeta` attriċi konsegwenza tal-istess nuqqas tal-Korporazzjoni appellanti u din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fil-konklużjoni tal-ewwel Qorti f'dan ir-rigward.

19. Trattat dan il-punt, jonqos li jiġi trattat l-ilment tal-Korporazzjoni appellanti li kien in-nuqqas tas-soċjeta` appellata li bħala *bonus paterfamilias* tara li l-proprjeta` tagħha tkun protetta minn kull perkolazzjoni ta' ilma, fid-dawl tal-fatt li hija kienet konxja tal-episodju preċedenti fejn seħħet tali perkolazzjoni tal-ilma u jekk dan setax ikun

fattur li kkontribwixxa għad-danni konsegwenti l-akkadut. Mhuwiex kontestat li mix-xhieda ta' Kenneth Agius, direttur fi ħdan is-soċjeta` attriċi appellata, jirriżulta li dan kien jaf bl-episodju preċedenti ta' perkolazzjoni ta' ilma mill-fond sovrastanti, iżda f'dik l-okkażjoni ma rriżultat l-ebda ħsara. Fil-fehma ta' din il-Qorti, huwa minn ewl id-dinja li l-Korporazzjoni filwaqt li tagħmel referenza għall-Artikolu 1032 tal-Kodiċi Ċivili hawn qabel ċitat, tippretendi li sabiex tieħu ħsieb il-proprjeta` tagħha, is-soċjeta` attriċi kellha tieħu l-miżuri da parti tagħha ħalli tipprevjeni l-perkolazzjoni tal-ilma mill-fond sovrastanti u mhux li l-Korporazzjoni twettaq ix-xogħol tagħha kif mistenni minnha kif spjegat qabel! Għalkemm is-soċjeta` attriċi kienet taf b'dan l-episodju preċedenti, ma jirriżultax li hija kellha aċċess għall-fond sovrastanti jew kellha kontroll fuq is-sistema ta' pajpijiet li jagħtu għall-arloġġi tal-ilma. Kien id-dmir tal-Korporazzjoni li tara li s-sistema ta' pajpijiet u arloġġi kienu fi-stat tajjeb ta' manutenzjoni u li kif ingħad qabel li twettaq ix-xogħol meħtieġ sabiex jirrifletti dak li titlob l-arti u s-sengħa.

20. Huwa minnu li wara l-inċident in eżami f'dawn il-proċeduri, is-soċjeta` appellata nstallat pjanċa taż-żingu bejn is-saqaf tagħha u s-*soffitt* sabiex tipprevjeni li jkun hemm perkolazzjoni ulterjuri tal-ilma mill-fond sovrastanti, iżda qajla jista' jingħad li din hija prekawzjoni mistennija minn missier tajjeb tal-familja. Din il-prekawzjoni, hija fil-fehma ta' din il-Qorti, pjuttost waħda estrema. Filwaqt li tifhem li l-attur *nomine* li għamel dan

il-pass wara l-episodju in eżami, sabiex jipprevjeni mill-possibilita` li nċident simili jerġa' jiġri, ma jitqisx ġust li l-Korporazzjoni tippretendi li din kienet miżura normali mistennija minn missier tajjeb tal-familja u għalhekk l-appellata għandha tagħmel tajjeb għad-danni! Din il-Qorti lanqas tifhem kif l-appellanti tipprova tixħet ir-responsabbilta` għall-episodju preċedenti fuq negliġenza ta' terzi, meta f'dak l-episodju hija stess wettqet ix-xogħol rimedjali meħtieġ, permezz tar-rappreżentanti tal-istess Korporazzjoni li kkostataw li x-xogħol tal-installazzjoni tal-pajpijiet u tal-arloġġi ma kienx sar b'mod xieraq jew kif tiddetta l-"loġika"! Minkejja li din il-Qorti fliet mill-ġdid il-provi in atti, ma jirriżultax li l-attur *nomine* naqas milli jwettaq dak li huwa mistenni minn bniedem raġonevoli, jew li seta' jagħmel xi ħaġa sabiex jipprevjeni l-inċident in eżami. Lanqas jirriżulta li l-attur *nomine* kellu xi obbligu legali jew kien mistenni minnu li jassigura mhux biss l-apparat li jintuża fl-istamperija, iżda li jassigura wkoll is-*software,* dan ukoll imur lil hinn minn dak li tiddetta r-raġuni. Din il-Qorti (kuntrarjament għall-każ ċitat mill-Korporazzjoni appellanti ta' **Gunter et v. Grech** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-18 ta' Marzu, 2021) ma ssibx li bl-aġir tiegħu l-attur *nomine* seta' kkontribwixxa għall-inċident fejn seħħ id-dħul tal-ilma għal fejn kienet qiegħda topera l-istamperija jew li bl-aġir tiegħu setgħet tiżdied il-ħsara mġarrba minnha. Għalhekk din il-Qorti ma tqisx xieraq l-argument tal-appellanti li l-ewwel Qorti żbaljat fil-konkluzjoni tagħha li l-Korporazzjoni kellha twieġeb għad-danni jew li s-soċjeta` attriċi setgħet kienet hija stess b'xi mod responsabbli għall-inċident li wassal

għad-danni mġarrba minnha u għalhekk din il-parti tal-ewwel aggravju tirriżulta bħal mhix mistħoqqa.

21. Fl-istess aggravju l-Korporazzjoni appellanti tilmenta li l-ewwel Qorti żbaljat meta kkonkludiet li s-*software* in kwistjoni saritlu xi forma ta' ħsara, meta l-istess *software* għadu u baqa' operattiv wara l-inċident, iżda l-problema kienet li s-soċjeta` attriċi naqset milli taġġorna s-*software* li kellha, bir-riżultat li dan issa ma kienx aktar kompatibbli mal-*hardware* ġdid u tilmenta li hija m'għandhiex tħallas ta' dan in-nuqqas, peress li bejn meta ħareġ is-*software* li xtrat is-soċjeta` attriċi sa meta seħħ l-inċident, ħarġu diversi verżjonijiet tiegħu. Tagħmel referenza għax-xhieda tal-Inġinier Martin Pizzuto nkarigat mis-soċjeta` assiguratriċi li fir-rapport tiegħu lill-assigurazzjoni jgħid li s-soċjeta` attriċi kienet qiegħda: "*making use of an obsolete software release no longer supported by the manufacturer."* Kwindi l-appellanti targumenta li s-soċjeta` attriċi naqset mill-obbligu tagħha ta' *bonus paterfamilias* li tieħu ħsieb ħwejjiġha. Għalhekk, filwaqt li l-ewwel Qorti assumiet li s-*software* ġratlu l-ħsara, jirriżulta li s-*software* baqa' jaħdem, iżda l-problema kienet dwar in-nuqqas ta' kompatibbilita` bejn is-*software* l-qadim u l-*hardware* l-ġdid. Dan meta l-istess Inġinier Pizzuto nkarigat mis-soċjeta` assiguratriċi fl-istess rapport qal li kienet ir-responsabbilta` tas-soċjeta` attriċi : "*to ensure that their operational hardware and software reflect the manufacturer's recommended requirements. I am aware that this comes*

*at a cost but this is part of their operational cost, that should have been budgeted when they opted for this investment. Progressive software upgrades are nothing new and is the current norm for all software systems.”*

22. Għandu jingħad li, għalkemm l-ewwel Qorti fil-konsiderazzjonijiet preliminari tagħha, qalet li l-perkolazzjoni tal-ilma kkawża ħsara lis-soċjeta` attriċi fil-*hardware* u fis-*software,* dan ma jistax ħlief li jitqies bħala *lapsus* u mhux kif jingħad mill-appellanti li dik il-Qorti bbażat is-sentenza tagħha fuq żball ta’ fatt, kunsidrat li aktar ‘il quddiem fil-konsiderazzjonijiet tagħha, l-istess Qorti qalet “...*jirriżulta li kien hemm Kodak Server jiswa €7,593 li ma baqax utli billi ma setax jiffunzjona mal-apparat iktar modern li kellu jinxtara.”* Kwindi altru li l-ewwel Qorti fehmet sew li konsegwenza tal-fatt li seħħet il-perkolazzjoni tal-ilma li kkawżat ħsara fl-apparat tal-istamperija u allura l-assiguratriċi tas-soċjeta` aċċettat li tħallas għar-rimpjazzament tal-apparat jew *hardware* li kellha, dan wassal għall-problema ta’ inkompatibilita` bejn is-*software* l-antik li kellha s-soċjeta` attriċi mal-*hardware* l-ġdid li kellha tixtri konsegwenza tal-inċident in kwistjoni u allura mhux għaliex is-*software* fih innifsu ġratlu l-ħsara.

23. Fil-fatt l-istess Kenneth Agius in rappreżentanza tas-soċjeta` attriċi in kontro-eżami jispjega s-sitwazzjoni meta jixhed li s-*software* kienu:

"G*ħadhom jaħdmu sa ċertu punt għadhom jaħdmu...Għax ċert software ma tistax tahddimhom minħabba li kellna bżonn nixtru computer ġdid."* (ara fol. 152 u 153 tal-proċess). Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-Korporazzjoni appellanti tiżbalja meta tisħaq fuq ix-xhieda tal-Inġininer Pizzuto bħala raġuni l-għala s-soċjeta` appellata m'għandhiex tiġi kkumpensata għal dan is-*software.* Għalkemm huwa minnu li s-soċjeta` assiguratriċi ma ħallsitx għal dan is-*software,* mix-xhieda ta' Ivan Micallef, bħala r-rappreżentant tal-assiguratriċi, jirriżulta li l-assigurazzjoni ħallset għall-affarijiet materjali li ġarrbu l-ħsara u mhux għas-*software*, peress li dan tal-aħħar ma kienx kopert fil-polza tal-assigurazzjoni (ara xhieda a fol. 88, u aktar importanti hija dik ix-xhieda in kontro-eżami a fol. 172 sa 173): "*Mela hemm żewġ issues; ...l-ewwel waħda kienet minħabba ..ma kenitx inkluża...s-software fil-polza...U t-tieni ħaġa kienet minħabba l-fatt illi s-software as such ma ġarrabx dannu...apparti minn hekk ovvjament kien hemm l-issue taż-żmien ... jekk dan inxtara għaxar snin ilu jew inxtara ħames snin ilu ovvjament ħa jkun hemm weight fid-deċiżjoni tal-cover... Martin Pizzuto qalilna li kien outdated."* Ix-xhud jagħti eżempju bi ħsara f'mowbajl li fl-opinjoni ta' din il-Qorti hija ferm relevanti: *"Jekk inti kellek Nokia 2310 u kissirtu tippretendix li ser tieħu settlement ta' iPhone 6. Imma jekk kellek iPhone 6 llum m'għadux isir iPhone 6, aħna nħallsuk ta' iPhone 7. Dejjem n-next available...Jekk iPhone 7 ma jeżistix tieħu iPhone 8".*

24. Ċertament il-fatt li s-soċjeta` appellata għażlet tip ta' assigurazzjoni li kienet tkopri l-kontenut tal-istamperija (bħala apparat) u li ma kenitx tkopri wkoll is-*software* mhix skużanti għall-Korporazzjoni appellanti li ma tweġibx għall-ħsara kkawżata lis-soċjeta` attriċi appellata konsegwenza tal-istess negliġenza tagħha. Wara kollox, bil-*hardware* antik u bis-*software* antik, is-soċjeta` attriċi kienet qiegħda taħdem sew qabel l-inċident. Fil-fatt, fi kliem Sandro Battistino, *technician* li jaħdem mad-ditta SADO Company Limited li mingħandha ntalab parir mis-soċjeta` attriċi appellata dwar il-kompatibilita` tal-Kodak mal-Evo Version 5, għalkemm fir-rapporti tiegħu (a fol.57) jingħad li "*Kodak ceased to support for EVO version 5 for all customers...this version is now outdated and absolete."* in ri-eżami jikkonferma: "*Qabel l-inċident is-Sur Agius kien jaħdem normali...Jiġifieri bl-istess mod li kien jaħdem meta xtrah. Jiġifieri li kieku dan ma ġarax seta' għadu għaddej l-istess; jaħdem l-istess. Fil-fatt is-server għadu jaħdem."* (ara fol. 197).

25. Lanqas jista' jingħad li s-soċjeta` appellata kienet negliġenti meta hija m'għamlitx l-aġġornamenti tas-*software,* wara kollox ma saritx il-prova li hija kienet ingħatat parir dwar il-ħtieġa li jsiru dawn l-*upgrades.* Iżda fi kliem l-istess Inġinier Pizzuto dan kien riskju, riskju li f'dan il-każ ħadem kontra tagħha. Fuq kollox, l-istess Inġinier jispjega: "*Il-manufacturers iridu jgħixu billi jbiegħu prodotti ġodda. Il-mobile phones jitbiddlu kull tliet xhur. Inti kull tliet xhur tarmi il-phone li għandek u*

*tbiddlu? No. You try to make the most ...(of) your investment.”* Kwindi din il-Qorti ma tirriskontra xejn anomalu fil-fatt li s-soċjeta` appellata baqgħet tuża s-*software* l-antik peress li hija kienet għadha tinqeda bih. Effettivament l-istess Inġinier jistqarr: *“Dan li kieku ma ġarax il-każ il-probabbilità għadu għaddej bis-software bil-5 bla problemi ta’ xejn.”* Kwindi meta ġrat il-ħsara fil-*hardware* konsegwenza tal-perkolazzjoni tal-ilma, li wassal għall-bidla tiegħu, din il-bidla ma kenitx kapriċċ tas-soċjeta` attriċi appellata, iżda konsegwenza diretta tal-inċident ikkawżat bin-negliġenza tal-Korporazzjoni konvenuta, irriżultat l-inkompatibilita` bejn il-*hardware* l-ġdid u s-*software* l-antik. Din il-Qorti taqbel mal-appellata meta tgħid li ma kellhiex għalfejn tagħmel l-ispejjeż qabel l-inċident, peress li hija kienet għadha tinqeda bis-sistema li kellha u li l-fatt li oġġett ikun qadim ma jeżonorax lil min ikun wettaq il-ħsara milli jħallas lis-sid li jkun tilef dak l-oġġett u f’dan is-sens l-ewwel aggravju tal-Korporazzjoni ma jimmeritax li jintlaqa’.

26. Madankollu, fil-fehma ta’ din il-Qorti, wieħed ma jridx jara dan il-fatt ta’ nuqqas ta’ kompatibilita` tas-*software* l-antik, sempliċement mil-lenti ta’ negliġenza kontributorja, iżda wieħed irid jara dan l-ilment tal-Korporazzjoni appellanti mil-lenti li kwalunkwe` oġġett ta’ teknoloġija għandu perjodu ta’ eżistenza li fil-verita` hija waħda pjuttost qasira. Wara kollox, jinsab assodat fil-ġurisprudenza li huwa d-dritt tad-danneġġjat li jitlob kumpens, li meta jiġi kkumpensat għad-danni li jkun bata, għandu

kemm jista' jkun possibbli, jerġa' jitqiegħed fl-istat li kien qabel l-inċident. Hekk ingħad fis-sentenza deċiża fit-23 ta' April, 1965, mill-Qorti tal-Appell Kummerċjali, fil-kawża fl-ismijiet **John Tufigno v. Joseph Micallef noe** (Kollez. Vol. XLIX.I.526): *"in tema ta' kompensazzjoni ta' danni, l-attur għandu kemm jista' jkun jiġi mqiegħed fil-posizzjoni li hu kien ikollu kieku ma ġietx kaġġjonata l-ħsara".* Fi kliem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha tat-28 ta' Marzu, 2003, fil-kawża fl-ismijiet **Michael Camilleri v. Joseph Saliba et:**

> *"il-principji generali regolanti materja ta' rizarciment ta' danni, kompriz ghalhekk id-deprezzament, hi di regola li d-danneggjat ghandu dritt jikkonsegwixxi rizarciment li jirrientegra l-patrimonju tieghu minn kull konsegwenza ekonomika ta' l-event dannuz u ghalhekk f'kaz ta' rizarciment par equivalent ghandu jikkonsisti f'somma li tekwipara l-valur ta' l-utilitajiet mitlufa" - "Antonia Zammit -vs- Mario Calleja", Appell, Sede Inferjuri, 12 ta' Jannar 1977; "Edgar Sant -vs- Peter Borg", Prim' Awla, Qorti Civili, 3 ta' Ottubru 1979;"*

27. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, fil-fehma ta' din il-Qorti, jeħtieġ li jkun hemm temperament tad-danni akkordati mill-ewwel Qorti bħala *damnum emergens,* fid-dawl tal-fatt li s-soċjeta` attriċi kienet ser tibbenefika minn sistemi ġodda ta' *server* u *software,* meta s-sistemi li hija kellha kienu antiki, u għalhekk wara tant snin, kien ser ikun hemm titjib sostanzjali fis-sistema ta' *software* tagħha. Dan sabiex jinkiseb il-bilanċ tal-ġustizzja bejn id-dritt tad-danneġġjat li jitpoġġa f'sitwazzjoni simili li kien fiha qabel l-inċident u l-obbligu tad-danneġġjant li jħallas għad-danni kkważati minnu u mhux għat-titjib ukoll. Minkejja li ma hemmx valutazzjoni in atti tas-sistema l-antika li kellha s-soċjeta` appellata fil-mument tal-inċident, magħmula l-konsiderazzjonijiet kollha

hawn qabel, tqis xieraq li *arbitrio boni viri* jkun hemm tnaqqis ta' 10% mill-ammont mitlub mis-soċjeta` attriċi ta' €22,653, sabiex dan l-ammont jiġi rivedut għas-somma ta' €20,387.70.

28. Dan iwassal għat-tieni u t-tielet aggravji dwar id-danni *lucrum cessans,* li fil-fehma tal-Korporazzjoni appellanti ma ġewx ippruvati u li d-danni mogħtija huma aktar minn dak mitlub, li fil-verita` jistgħu jiġu trattati f'daqqa. Għalkemm il-Korporazzjoni appellanti tisħaq li ma ġiet ippreżentata l-ebda prova in sostenn tad-danni *lucrum cessans* fl-ammont ta' €8,910 kif komputata fin-nota ta' sottomissjonijiet attriċi, effettivament mix-xhieda ta' Kenneth Agius jirriżulta li konsegwenza tal-ħsara fl-apparat, huma kellhom jaħdmu bejn siegħa u sagħtejn aktar kuljum sabiex ikunu jistgħu jagħmlu x-xogħol li qabel kien isir permezz tal-apparat imħassar. Il-Korporazzjoni appellanti tikkontesta wkoll ir-rata mitluba ta' €15 fis-siegħa. Għalkemm huwa minnu li dan it-telf ma ġiex korroborat permezz ta' xi fattura, *payslip* jew *accounts* tal-kumpanija, huwa ritenut li mhux kull tip ta' dannu jista' bilfors jiġi sostanzjat permezz ta' rċevuta. Ma tistax titwarrab ix-xhieda dettaljata ta' Kenneth Agius ta' xogħol manwali żejjed li jkollu jsir, fid-dawl tal-fatt li qegħdin jagħmlu użu minn *software* komuni minflok dak tal-istampar sabiex ikunu jistgħu jkomplu bix-xogħol tagħhom li qiegħed jeħdilhom bejn siegħa u nofs u sagħtejn kuljum (ara fol. 27 u 166), għalkemm jikkonċedi wkoll li kien hemm żmien waqt il-pandemija fejn ix-xogħol waqaf ukoll. Fil-verita`, fil-

fehma ta' din il-Qorti teżisti prova oħra in atti, dik prodotta mill-istess assigurazzjoni tas-soċjeta` appellata bħala Dok. IM a fol. 77, fejn fir-rendikont ta' kumpens mogħti lis-soċjeta` appellata hemm partita għal *Business interruption claim,* hemm ndikata r-rata għal dik il-partita ta' €9.70 fis-siegħa. Kwindi fil-fehma ta' din il-Qorti jkun għaqli li tiġi adottata din ir-rata għall-fini tal-kalkoli ta' *lucrum cessans* u għalhekk jeħtieġ li jkun hemm l-aġġustament meħtieġ għall-fini tal-komputazzjoni ta' dawn id-danni.

29. Fir-rigward tal-ilment li l-ewwel Qorti tat lill-attriċi appellata aktar milli talbet, hawn ukoll din il-Qorti ssib li dan l-ilment jirriżulta bħala wieħed fondat. Dan peress li t-tieni talba attriċi kienet limitata għad-danni li ma jkunux ġa tħallsu mid-ditta assiguratriċi. Kwindi ġaladarba mill-istess Dok. IM jirriżulta li l-attriċi appellata ġiet akkordata s-somma ta' €1,435 proprju għal "*2hrs additional time spent for two employees for period 18/06/19 till 09/08/19@ €9.70 per hour less 2 days excess"* ma jkunx xieraq li s-soċjeta` attriċi appellata tiġi kkumpensata darbtejn għall-istess ħaġa tul dan il-perjodu peress li għalkemm il-partita hija ntitolata *Business interruption claim,* il-kumment jindika li l-kumpens ingħata għall-istess raġuni mogħtija mis-soċjeta` attriċi fit-talba tagħha taħt il-kap ta' *lucrum cessans.* Kwindi għall-fini tal-komputazzjoni ta' *lucrum cessans* jeħtieġ ukoll li jsir l-aġġustament meħtieġ sabiex jirrifletti dan it-tnaqqis. Kwindi mid-9 ta' Awwissu, 2019 (data sa meta ngħata kumpens mill-

assigurazzjoni) sas-7 ta' Awwissu, 2020, (meta nfetħet il-kawża skont it-talbiet attriċi) hemm 52 ġimgħa, li meta jiġu kkalkulati fuq ġimgħa fejn jaħdmu fuq medda ta' ħamest ijiem fil-ġimgħa jwasslu għal 260 jum, li kunsidrat iż-żmien ta' pandemija fejn in-negozju ċertament naqas ser jitnaqqsu għal 230 jum. Meta jiġu kkalkulati medja ta' siegħa u nofs xogħol żejjed minn tnejn min-nies bir-rata ta' €9.70 fis-siegħa fuq medda ta' 230 jum, iwassal għal €9.70 x 1.5 x 2 x 230 = €6,693. Kwindi filwaqt li din il-Qorti ser tilqa' dawn iż-żewġ aggravji tal-Korporazzjoni appellanti, tqis li t-total tad-danni dovuti lis-soċjeta` attriċi appellata għandhom jiġu riveduti għal €27,080.70 (€20,387.70 *damnum emergens* + €6,693 *lucrum cessans*).

30. Jonqos li jiġi trattat l-aħħar aggravju dak fejn il-Korporazzjoni appellanti tilmenta li s-sentenza appellata mhix debitament motivata. Din il-Qorti tqis dan l-aggravju pjuttost fieragħ peress li s-sentenza appellata tindirizza mhux biss it-talbiet attriċi, iżda kull eċċezzjoni mqanqla mill-istess Korporazzjoni. Madankollu, kunsidrat li l-Korporazzjoni appellanti qiegħda tingħata raġun f'uħud mill-aggravji tagħha, ma tqisx xieraq li tilqa' l-istedina tas-soċjeta` appellata li tingħata spejjeż doppji.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi, tilqa' l-appell tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma limitatament u tvarja s-

sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-25 ta' Novembru, 2021, u filwaqt li tikkonfermaha sa fejn laqgħet l-ewwel talba attriċi u ddikjarat lill-Korporazzjoni konvenuta responsabbli għad-danni mġarrba mis-soċjeta` attriċi, tvarjaha fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni u minflok tillikwida d-danni mġarrba mis-soċjeta` attriċi fl-ammont ta' sebgħa u għoxrin elf u tmenin Ewro u sebgħin ċenteżmu (€27,080.70); tikkundanna lill-Korporazzjoni konvenuta tħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma hekk likwidata, b'dan illi l-imgħax jiddekorri mid-data tas-sentenza tal-ewwel Qorti. Bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi jibqgħu a karigu tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da